SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

15 ta' April 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età – Ħaddiema mqiegħda f'riżerva ta' ħaddiema sax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom – Tnaqqis fis-salarju u tnaqqis jew telf ta' allowance ta' tkeċċija – Sistema applikabbli għall-ħaddiema tas-settur pubbliku li jinsabu qrib l-irtirar b'rata sħiħa – Tnaqqis tal-ispejjeż tal-pagi tas-settur pubbliku – Artikolu 6(1) – Għan leġittimu ta' politika soċjali – Sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika"

Fil-Kawża C-511/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

**AB**

vs

**Olympiako Athlitiko Kentro Athinon – Spyros Louis,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Prechal, Presidenta tal-Awla, N. Wahl, F. Biltgen (Relatur), L. S. Rossi u J. Passer, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Richard de la Tour,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AB, minn D. Vervesos u D. Vasileiou, dikigoroi,

– għal Olympiako Athlitiko Kentro Athinon – Spyros Louis, minn V. Kounelis, dikigoros,

* Lingwa tal-kawża: il-Grieg.

– għall-Gvern Elleniku, minn E.-M. Mamouna, G. Papadaki, A. Dimitrakopoulou u K. Georgiadis, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u D. Triantafyllou, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn AB u Olympiako Athlitiko Kentro Athinon – Spyros Louis (iktar 'il quddiem "OAKA") dwar it-tqegħid tiegħu, qabel l-irtirar tiegħu, taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema prevista mid-dritt nazzjonali.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/78 jistabbilixxi li din għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ġenerali sabiex tiġġieled diskriminazzjoni bbażata fuq, b'mod partikolari, l-età, f'dak li jirrigwarda l-impjieg u x-xogħol, bi skop li timplimenta, fl-Istati Membri, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

4 L-Artikolu 2(1) u (2) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva, 'il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament' għandu jfisser li m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta għall-ebda raġuni msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1:

(a) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni diretta meta persuna tiġi trattata b'mod inqas favorevoli milli kienet tiġi trattata oħra f'sitwazzjoni simili, għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1;

(b) għandu jitqies li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta meta fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika apparentement newtrali tkun tqiegħed persuni li għandhom reliġjon jew twemmin partikolari, diżabilità partikolari, età partikolari, jew orjentazzjoni sesswali partikolari, partikolari fi żvantaġġ partikolari a paragun ma' persuni oħra ħlief:
(i) meta dik id-dispożizzjoni, jew dak il-kriterju jew prattika jkunu oġġettivament iġġustifikati minn skop leġittimu u l-mezzi li tintlaħaq ikun approprjati u neċessarji […]

[…]”

5 L-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva jinqara kif ġej:

“Fil-limiti tal-kompetenzi konferiti lill-Komunità, din id-Direttiva għandha tapplika għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi, f'dak li jirrigwarda:

[…]

(ċ) il-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga;

[…]”

6 L-Artikolu 6(1) tal-istess direttiva jiddisponi:

“Minkejja l-Artikolu 2(2), l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li trattament differenti fuq bażi ta' età m'għandux jikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tal-liġi nazzjonali, hu objettivament u raġonevolment iġġustifikat b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima ta' l-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' objettivi ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi biex jintlaħqu dawk l-għanjiet ikunu approprjati u neċessarji.

Dan it-trattament differenti jista' b'mod partikolari jinkludi:

(a) l-istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess għall-impjieg u t-taħriġ professjonali, l-impjieg u x-xogħol, inkluzi l-kundizzjonijiet ta' sensji u pagi, għaż-żgħażagħ, ħaddiema ta' età, u persuni li jkollhom responsabbilitajiet li jieħdu ħsieb persuni oħra sabiex jippromwovu l-integrazzjoni professjonali tagħhom jew jiżguraw il-protezzjoni tagħhom;

[…]”

### *Id-dritt Elleniku*

7 L-Artikolu 34, intitolat “Tneħħija ta' pożizzjonijiet vakanti rregolati mid-dritt privat u riżerva ta' ħaddiema”, tan-Nómos 4024/2011: Syntaxiodotikés rythmíseis, eniaío misthológio – vathmológio, ergasiakí efedreía kai álles diatáxeis efarmogís tou mesopróthesmou plaisíou dimosionomikís stratigikís 2012-2015 (il-Liġi 4024/2011 dwar Dispożizzjonijiet dwar Skemi ta' Rtirar, l-Iskala Unitarja tas-Salarji u tal-Gradi, ir-Riżerva ta' Ħaddiema u Dispożizzjonijiet Oħra li Jimplimentaw il-Qafas ta' Strateġija Baġitarja fuq Terminu Medju 2012-2015) tas-27 ta' Ottubru 2011 (FEK A' 226), kif emendata bid-Digriet Leġiżlattiv tas-16 ta' Diċembru 2011 mibdul f'liġi permezz tal-Artikolu 1 tan-Nómos 4047/2012 (il-Liġi 4047/2012) tat-23 ta' Frar 2012 (FEK A' 31) (iktar 'il quddiem il-“Liġi 4024/2011”), jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 4 u 8 tiegħu:

“1. L-Artikolu 37(7) tal-Liġi 3986/2011 (FEK A' 152) għandu jiġi ssostitwit kif ġej:

[…]

c) Il-persunal suġġett għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għandu jibqa' jirċievi, minn meta jitqiegħed taħt dik is-sistema u għal perijodu ta' 12-il xahar jew, jekk dan ikun previst minn dispożizzjonijiet iktar speċjali, 24 xahar, 60 % tas-salarju bażi li huwa kien jirċievi meta jkun tqiegħed taħt is-sistema inkwistjoni.

[...]

e) It-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għandu jitqies li jikkostitwixxi komunikazzjoni minn qabel ta' tkeċċija għall-finijiet legali kollha u r-remunerazzjoni mħallsa lill-persunal suġġetta għal dik is-sistema konformement mad-dispożizzjonijiet previsti fis-subparagrafu (c) għandu jkun ikkalkolat bi tpaċija mal-allowance ta' tkeċċija dovuta, jekk ikun il-każ, fi tmiem il-perijodu ta' riżerva ta' ħaddiema.

[...]

2. Il-pożizzjonijiet tal-ħaddiema marbuta b'relazzjoni ta' xogħol irregolata mid-dritt privat għal żmien indeterminat fl-amministrazzjoni, il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku, l-awtoritajiet territorjali tal-ewwel u t-tieni grad u l-istabbilimenti tagħhom, il-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt privat li jappartjenu lill-Istat jew lil persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku jew lil awtoritajiet territorjali, fis-sens li huma inkarigati minn missjoni afdata mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li huma suġġetti għal sorveljanza mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li l-maġġoranza tal-bord tad-diretturi tagħhom huma maħtura jew ikkontrollati mill-Istat, l-amministrazzjoni jew l-awtoritajiet territorjali li mhux inqas minn 50 % tal-baġit annwali tagħhom huwa ssussidjat b'mod permanenti skont ir-regoli rilevanti permezz ta' fondi tal-organi msemmija hawn fuq, kif ukoll l-impriżi, organi u kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I tal-Liġi 3429/2005 (A' 314), kif emendati [bl-Artikolu 1(1)(a)] tal-Liġi 3899/2010 (FEK A' 212), li jkunu vakanti fid-data tad-dħul ta' din il-liġi, għandhom jitneħħew. [...]

3. Il-kuntratt ta' xogħol irregolat mid-dritt privat għal żmien indeterminat tal-impjegati fi pożizzjonijiet fi ħdan l-organi msemmija hawn fuq [...] għandu jiġi tterminat bis-saħħa tal-liġi u *ipso jure* meta dawn l-impjegati jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jintitolawhom għall-irtirar b'pensjoni b'rata sħiħa, li tkun tikkorrispondi għal sħubija fis-sistema ta' sigurtà soċjali wara 35 sena, bil-kundizzjoni li dan id-dritt ikun miksub, konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti, sal-31 ta' Diċembru 2013 inkluż [...]

4. Il-ħaddiema msemmija fis-subparagrafu preċedenti għandhom jitqiegħdu *ipso jure* taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema b'effett mill-1 ta' Jannar 2012 u sat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol skont il-modalitajiet tal-paragrafu preċedenti. [...]

[...]

8. Il-perijodu tar-riżerva ta' ħaddiema ma għandux jeċċedi 24 xahar f'dak li jikkonċerna l-ħaddiema msemmija fis-subparagrafu 4 [...]"

8 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tan-Nómos 3198/1955: Perí tropopoiíseos kai sympliróseos ton perí katangelías tis schéseos ergasías diatáxeon (il-Liġi 3198/1955 li Temenda u Tikkompleta d-Dispożizzjonijiet dwar it-Terminazzjoni tar-Relazzjoni ta' Xogħol) tat-23 ta' April 1955 (FEK A' 98), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi 3198/1955"):

"Il-ħaddiema affiljati ma' organu ta' assigurazzjoni għall-irtirar, li jkunu laħqu jew li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jagħtu dritt għall-ħlas ta' pensjoni tax-xjuħija b'rata sħiħa, jistgħu, [...] jekk ikollhom l-istatus ta' impjegat, jew jitilqu mill-impjieg tagħhom, jew jitneħħew mill-funzjonijiet tagħhom mill-persuna li timpjegahom, billi jirċievu, f'dawn il-każijiet kollha, rispettivament, jekk huma koperti minn assigurazzjoni komplementari, 40 % tal-allowance ta' tkeċċija li għandhom dritt għalih skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom mingħajr avviż tat-temm ta' impjieg mill-persuna li timpjegahom, u 50 % tal-imsemmija allowance ta' tkeċċija."

9 L-Artikolu 10(1) tan-Nómos 825/1978: Perí antikatastáseos, tropopoiíseos kai sympliróseos diatáxeon tis diepoúsis to IKA Nomothesías kai rythmíseos synafón themáton (il-Liġi 825/1978 li Tissostitwixxi, Temenda u Tikkompleta d-Dispożizzjonijiet tal-Leġiżlazzjoni li Tirregola l-IKA u Tinkludi Dispożizzjonijiet Konnessi) tat-13 ta' Novembru 1978 (FEK A' 189), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi 825/1978"), jipprevedi li sabiex ħaddiem impjegat affiljat mal-Idryma Koinonikon Asfaliseon – Eniaio Tameio Asfalissis Misthoton (IKA-ETAM) (l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali – Fond Ġenerali ta' Assigurazzjoni ta' Ħaddiema, il-Greċja) jista' jkollu d-dritt li jitlob pensjoni tax-xjuħija b'rata sħiħa, huwa għandu jkun wettaq 10 500 jum (35 sena) ta' xogħol bi ħlas u jkun laħaq l-età ta' 58 sena fid-data tas-sottomissjoni tat-talba lill-organu tal-assigurazzjoni.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li AB ġie rreklutat matul is-sena 1982 minn OAKA, persuna ġuridika irregolata mid-dritt privat li tappartjeni lis-settur pubbliku f'sens wiesa', bis-saħħa ta' kuntratt għal żmien indeterminat u li mis-sena 1998 ingħata l-funzjonijiet ta' kunsillier tekniku fi ħdanu.

11 B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, AB ġie ssuġġettat *ipso jure* għas-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema bl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(1)(c)(3), kif ukoll tal-paragrafi 4 u 8 tal-Liġi 4024/2011, li wassal għal tnaqqis tar-remunerazzjoni tiegħu għal 60 % tas-salarju bażiku tiegħu.

12 Fit-30 ta' April 2013, OAKA xoljiet il-kuntratt ta' xogħol ta' AB mingħajr ma ħallsitu l-allowance ta' tkeċċija prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Liġi 3198/1955 f'każ ta' tkeċċija jew ta' tluq mill-impjegat meta l-kundizzjonijiet huma ssodisfatti sabiex wieħed jibbenefika mill-irtirar bir-rata sħiħa. Dan ir-rifjut ta' kumpens kien ibbażat fuq l-Artikolu 34(1)(e) tal-Liġi 4024/2011, li jipprevedi kumpens bejn l-allowance ta' tkeċċija dovut u r-remunerazzjoni mħallsa lill-impjegat matul it-trasferiment tiegħu fir-riżerva ta' ħaddiema.

13 Permezz tar-rikors imressaq quddiem il-Monomeles Protodikeio Athinon (il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Ateni, il-Greċja), AB ikkontesta b'mod partikolari l-validità tat-trasferiment tiegħu lejn is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Liġi 4024/2011 li jintroduċu differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età bi ksur tad-Direttiva 2000/78, mingħajr ma din id-differenza fit-trattament

kienet oġġettivament iġġustifikata minn xi għan leġittimu jew li l-mezzi sabiex jitwettaq dak l-għan kienu xierqa u neċessarji. F'dan ir-rigward, huwa talab li OAKA tiġi kkundannata tħallsu d-differenza bejn is-salarju li huwa kien jirċievi qabel l-imsemmi trasferiment u dak li kien jirċievi wara dan it-trasferiment. AB invoka wkoll it-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Liġi 3198/1955 sabiex jitlob mingħand OAKA l-ħlas ta' somma bħala allowance ta' tkeċċija, flimkien mal-interessi legali.

14 Billi dik il-qorti laqgħet dak ir-rikors parzjalment, OAKA appellat quddiem il-Monomeles Efeteio Athinon (il-Qorti tal-Appell b'Imħallef Uniku ta' Ateni, il-Greċja) li annullat is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza billi ċaħdet il-parti tar-rikors ta' AB li kienet intlaqgħet f'dik is-sentenza.

15 AB appella fil-kassazzjoni quddiem l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Greċja). Din teskludi l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-età, sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Liġi 4024/2011 ma jipprevedux limitu ta' età speċifika għall-persunal suġġett għas-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema. Madankollu, hija tistaqsi jekk din is-sistema tinvolvix diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età, sa fejn hija rriżervata għall-impjegati li huma qrib l-irtirar b'rata sħiħa, li jippreżupponi li għandhom 35 sena ta' kontribuzzjonijiet, b'dawn il-kundizzjonijiet kellhom jintlaħqu matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2013.

16 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva, qabelxejn, li impjegat bħal AB, li huwa affiljat mal-IKA-ETAM, seta' jistenna rtirar b'rata sħiħa taħt il-kundizzjoni doppja li jkun wettaq 35 sena ta' kontribuzzjonijiet u li jkun laħaq l-età ta' 58 sena, konformement mal-Artikolu 10(1) tal-Liġi 825/1978.

17 Sussegwentement, il-qorti tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fil-każ li tiġi kkonstatata diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età, ir-raġunijiet indikati fl-espożizzjoni tal-motivi tal-Liġi 4024/2011 jistgħux jikkostitwixxu għan oġġettivament u raġonevolment leġittimu li jiġġustifika tali differenza fit-trattament. F'dan il-kuntest, hija ssemmi li l-għan tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 ta' din il-liġi kien dak li jirrispondi għan-neċessità immedjata li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi konformement mal-ftehim konkluż bejn ir-Repubblika Ellenika u l-kredituri tagħha kif ukoll dak li jissana l-finanzi tal-Istat u tas-settur pubbliku fis-sens wiesa', sabiex tiġi affaċċjata l-kriżi ekonomika li laqtet lil dan l-Istat Membru.

18 Fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fl-aħħar nett, jekk, minn naħa, it-tnaqqis tar-remunerazzjoni tal-persunal imqiegħed taħt is-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema, fid-dawl tal-miżuri ta' protezzjoni stabbiliti mill-imsemmija liġi dwar dan il-persunal, u, min-naħa l-oħra, it-tneħħija parzjali jew totali tal-allowance ta' tkeċċija prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Liġi 3198/1955 għal dan l-istess persunal jikkostitwixxux mezzi xierqa u neċessarji għall-finijiet tat-twettiq tal-imsemmi għan.

19 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Areios Pagos (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikoli 2(1) u (2)(b) u 3(1)(c) tad-Direttiva 2000/78, l-adozzjoni mill-Istat Membru tal-leġiżlazzjoni applikabbli mill-Istat, mill-awtoritajiet lokali u mill-persuni ġuridiċi tad-dritt pubbliku u b'mod ġenerali mill-entitajiet pubbliċi kollha tas-settur pubbliku estiż (korpi tad-dritt privat) bħala persuni li joffru x-xogħol, bħal dik inkluża fl-Artikolu 34(1)(c), l-ewwel inċiż tal-paragrafu 3 u l-paragrafu 4 tal-Liġi Nru 4024/2011, li abbażi tagħha l-persunal bil-kuntratt tax-xogħol

tad-dritt privat tal-imsemmija entitajiet huwa suġġett għal skema ta' riżerva ta' ħaddiema għal perijodu ta' mhux itwal minn erbgħa u għoxrin (24) xahar li hija bbażata biss fuq il-kriterju sostanzjali tal-prossimità għall-maturazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-pensjoni tax-xjuħija, korrispondenti għal ħamsa u tletin (35) sena ta' kontribuzzjonijiet fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2013, b'kont meħud ukoll tal-fatt li fis-sens tal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-qasam tal-assigurazzjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien, minbarra każijiet oħra li ma jaqgħux taħta dan il-każ, sabiex jimmatura d-dritt għal pensjoni tax-xjuħija permezz ta' relazzjoni ta' xogħol subordinat, kienu meħtieġa (tal-inqas) 10 500 jum ta' xogħol (35 sena) ta' assigurazzjoni [fl-Idryma Koinonikon Asfaliseon (IKA) (l-Istitut ta' Assigurazzjoni Soċjali] jew f'fond ta' assigurazzjoni ieħor tal-ħaddiema dipendenti u l-kisba (tal-inqas) ta' 58 sena ta' età tal-ħaddiem, mingħajr ma huwa ċertament eskluż, skont il-każ konkret, li l-perijodu ta' assigurazzjoni (35 sena) jitwettqu f'età differenti[?]

2) F'każ ta' risposta affermativa [għall-ewwel domanda], l-adozzjoni tal-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema tista' tiġi oġġettivament u raġjonevolment iġġustifikata, fis-sens tal-[Artikolu] 2(2)(b(i), u [l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, mill-ħtieġa immedjata li jiġu garantiti riżultati organizzattivi, operattivi u ta' bilanċ u b'mod partikolari mill-ħtieġa urġenti li titnaqqas l-ispiża pubblika bil-ħsieb li jintlaħqu għanijiet kwantitattivi speċifiċi sal-aħħar tal-2011, imsemmija fil-memorandum ta' spjegattiv tal-[Liġi 4024/2011], kif speċifikat fil-qafas ta' strateġija fiskali għal terminu medju ta' żmien, bl-iskop li jiġu osservati l-impenji assunti mill-Istat favur is-sħab-kredituri tiegħu sabiex tiġi indirizzata l-kriżi ekonomika u finanzjara akuta u dejjiema li taffettwa lill-pajjiż u fl-istess ħin tiġi ristutturata u mnaqqas l-espansjoni tas-settur pubbliku[?]

3) F'każ ta' risposta affermattiva [għat-tieni domanda],
   a) l-adozzjoni ta' miżura, bħal dik tal-Artikolu 34(1)(c) tal-liġi Nru 4024/2011, li tipprovdi għal tnaqqis drastiku tas-salarju tal-persunal suġġett għal skema ta' riżerva ta' ħaddiema għal 60 % tas-salarju bażiku tiegħu riċevut fil-mument tat-tpoġġija tiegħu f'tali skema ta' riżerva ta' ħaddiema, mingħajr ma tali persunal ma jkun obbligat jaħdem fis-settur pubbliku rilevanti u li tikkawża (de facto) t-telf ta' kull żieda possibbli tas-salarju u l-avvanz fil-karriera għall-perijodu ta' bejn it-tpoġġija tiegħu fl-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema sat-terminazzjoni tiegħu minħabba l-pensjoni bil-ħlas tal-pensjoni tax-xjuħija, hija adatta u meħtieġa sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, fis-sens tal-[Artikolu] 2(2)(b)(i), u [l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, f'sitwazzjoni li fiha, kumulattivament:
      i) tali persunal iżomm il-possibbiltà li jsib impjieg ieħor (fis-settur privat) jew jista' jeżerċita professjoni libera jew xogħol sakemm idum fir-riżerva ta' ħaddiema mingħajr ma jitlef id-dritt li jirċievi l-ammont imsemmi iktar 'il fuq fuq is-salarju bażiku, sakemm is-salarju jew id-dħul li joriġina mix-xogħol il-ġdid jew okkupazzjoni ġdida ma jkunux jeċċedu s-salarju riċevut qabel ma ġie ssuġġettat għall-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema, f'liema każ l-imsemmi ammont tas-salarju bażiku jitnaqqas mill-eċċess — Artikolu 34(1)(f);
      ii) il-persuna pubblika li tħaddem, u fil-każ li din ma tibqax teżisti, [l-Aġenzija Nazzjonali għall-Impjieg] tassumi l-obbligu li tħallas lill-fond ta' assigurazzjoni rilevanti sal-pensjoni tal-persuna dipendenti il-kontribuzzjonijiet previdenzjali, kemm tal-persuna li tħaddem kif ukoll tal-ħaddiem, marbuta mal-pensjoni prinċipali, mal-pensjoni integrattiva, mal-assistenza soċjali u sanitarja, abbażi tas-salarji riċevuti minn dan tal-aħħar qabel ma ġie suġġett għall-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema — Artikolu 34(1)(d);

iii) huma previsti derogi mill-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema għall-gruppi soċjali vulnerabbli li jeħtieġu protezzjoni (konjugi ta' min huwa suġġett għar-riżerva ta' ħaddiema, konjugi jew wild b'rata ta' invalidità tal-inqas ta' 67 % li jgħix ma' u jiddependi fuq il-persuna impjegata, impjegat b'rata ta' invalidità tal-inqas ta' 67 %, familji numerużi, ġenituri single li jgħixu ma' u huma dipendenti fuq il-persuna impjegata) — Artikolu 34(1)(b);

iv) tiġi offruta b'mod prijoritarju l-possibbiltà ta' trasferiment tal-imsemmi persunal lejn postijiet vakanti oħra ta' entitajiet pubbliċi abbażi ta' kriterji oġġettivi u meritokratici permezz tal-inklużjoni tagħhom fil-listi [tal-Kunsill Suprem għas-Selezzjoni] — Artikolu 34(1)(a) — possibbiltà madankollu limitata de facto minħabba t-tnaqqis drastiku tar-reklutaġġ ta' persunal min-naħa ta' diversi entitajiet pubblici, b'konsegwenza tal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż;

v) hija żgurata l-adozzjoni ta' provvedimenti għar-rimbors tas-self li l-persuni impjegati impoġġija fir-riserva ta' ħaddiema kienu rċevew mill-Fond ta' Depożiti u Self u sabiex jiġi konkluż ftehim bejn l-Istat Grieg u l-Assoċjazzjoni tal-banek Griegi sabiex jiġi aġevolat ir-rimbors tas-self li dan il-persunal irċieva minn banek oħra, b'mod proporzjonat mad-dħul familjari kumplessiv tagħhom u mas-sitwazzjoni patrimonjali tagħhom — Artikolu 34(10) u (11);

vi) liġi riċenti (Artikolu 1(15) tal-liġi Nru 4038/2012 – [FEK A' 14]) tipprevedi bi prijorità assoluta l-adozzjoni ta' regolament fuq il-pensjonijiet u fuq l-ordni ta' ħlas għall-persunal [ikkonċernat] u, fi kwalunkwe każ, mhux lil hinn minn erba' xhur mit-terminazzjoni tiegħu u mill-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni relattiva għar-rikonoxximent tal-pensjoni;

vii) l-imsemmi telf ta' avvanz fil-karriera u taż-żieda fis-salarju mill-perijodu li fih il-persunal bil-kuntratt ta' xogħol ta' dritt privat jitpoġġa fl-iskema ta' riżerva ta' ħaddiema sat-terminazzjoni tiegħu bil-pensjoni tax-xjuħija ma javverax ruħu fil-maġġoranza tal-każijiet, inkluż fil-każ odjern, peress li l-ħaddiem, minħabba l-permanenza twila tiegħu fis-settur pubbliku, ikun eżawrixxa l-iskala salarjali jew/u l-avvanz fil-karriera previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ għall-progressjoni tiegħu[?]

b) L-adozzjoni ta' miżura, bħal dik tal-Artikolu 34(1)(e) tal-liġi Nru 4024/2011, li tinvolvi t-telf totali (jew analoġika), fis-sens tal-Artikolu 8(b) tal-Liġi Nru 3198/1955, tal-kumpens f'każ ta' tkeċċija jew terminazzjoni tal-persuna impjegata mill-persuna li tħaddimha, minħabba l-maturazzjoni tal-kundizzjonijiet sabiex tirċievi l-pensjoni tax-xjuħija, ekwivalenti għal 40 % tal-kumpens ta' terminazzjoni previst għall-persuni impjegati b'assigurazzjoni integrattiva (li, fil-każ tal-entitajiet pubbliċi li huma ta' utilità pubblika jew jiġu ssussidjati mill-Istat, bħall-konvenuta li hija persuna ġuridika tad-dritt privat, ma tistax teċċedi l-ammont massimu ta' EUR 15 000,00), permezz tal-kumpens tagħha stess bis-salarju mnaqqas riċevut matul ir-riżerva tal-ħaddiema, hija adegwata u neċessarja sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b)(i), u [l-punt (a) tat-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 6(1)] tad-direttiva, b'kont meħud tal-fatt li fi kwalunkwe każ tali persunal kien jikseb l-imsemmi kumpens imnaqqas konformement mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol fis-seħħ iċċitata iktar 'il fuq, kemm fil-każ ta' riżenja kif ukoll fil-każ ta' terminazzjoni min-naħa tal-entità li jaħdem magħha[?]"

## Fuq id-domandi preliminari

20 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-ħaddiema

tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu partikolari l-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa għandhom jitqiegħdu taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema sax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom, li jwassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tagħhom, telf tal-avvanz eventwali tagħhom kif ukoll tnaqqis, jew anki t-tneħħija, tal-allowance ta' tkeċċija li huma kienu jkunu intitolati għaliha fil-mument tal-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom.

21 Sabiex tingħata risposta għad-domandi magħmula jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 u, fl-affermattiv, jekk hija tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età u jekk din tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva.

22 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78, jirriżulta, kemm mit-titolu u mill-preambolu kif ukoll mill-kontenut u mill-għan ta' din id-direttiva, li din hija intiża li tistabbilixxi kuntest ġenerali sabiex tiżgura lil kull persuna l-ugwaljanza fit-trattament "fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol", billi toffrilu protezzjoni effikaċi kontra d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq wieħed mill-motivi msemmija fl-Artikolu 1 tagħha, li fosthom tidher l-età (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78, din għandha tapplika, fil-limiti tal-kompetenzi kkonferiti lill-Unjoni Ewropea, "għall-persuni kollha, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, inklużi korpi pubbliċi", f'dak li jirrigwarda "[l]-kundizzjonijiet għall-impjieg u tax-xogħol, inklużi sensji u paga".

24 Issa, skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-ħaddiema marbuta b'relazzjoni ta' xogħol irregolata mid-dritt privat għal żmien indeterminat ma' persuni li jimpjegaw li jaqgħu taħt is-settur pubbliku fis-sens wiesa' u li kienu jissodisfaw, matul perijodu partikolari, il-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni b'rata sħiħa tqiegħdu taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema sax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom. Dan it-tqegħid kien jaffettwa r-remunerazzjoni tal-imsemmija ħaddiema u l-allowance ta' tkeċċija li huma setgħu jistennew fil-mument tat-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom.

25 Minn dan jirriżulta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78.

26 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kwistjoni dwar jekk din il-leġiżlazzjoni toħloqx differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2000/78, moqri flimkien mal-Artikolu 1 tagħha, għandu jiġi rrilevat li, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, mill-Artikolu 34(3) u (4) tal-Liġi 4024/2011 jirriżulta li t-tqegħid taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema kien previst għall-ħaddiema tal-persuni li jimpjegaw li jaqgħu taħt is-settur pubbliku fis-sens wiesa' li kienu jissodisfaw, matul il-perijodu kkonċernat, il-kundizzjonijiet li jagħtu lok għad-dritt għall-pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa. Issa, għalkemm l-imsemmi paragrafu 3 isemmi, bħala kundizzjoni għall-pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa, l-affiljazzjoni mal-iskema ta' sigurtà soċjali għal 35 sena, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, konformement mal-Artikolu 10(1) tal-Liġi 825/1978, ħaddiem bħal AB, li kien affiljat mal-IKA-ETAM, seta' jitlob pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa taħt il-kundizzjoni doppja li jkun wettaq l-imsemmija 35 sena ta' kontribuzzjonijiet u li jkun laħaq l-età minima ta' 58 sena.

27 Peress li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi, il-fatt li l-ħaddiem jilħaq l-età minima ta' 58 sena jikkostitwixxi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 37 tal-konklużjonijiet tiegħu, kundizzjoni indispensabbli għall-eliġibbiltà tiegħu għall-pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa u, konsegwentement, għat-tqegħid tiegħu taħt is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema matul il-perijodu rilevanti. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' din is-sistema hija bbażata fuq kriterju li huwa marbut b'mod inseparabbli mal-età tal-ħaddiema kkonċernati (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark, C-499/08, EU:C:2010:600, punt 23).

28 Minn dan isegwi li, minkejja l-fatt li l-kundizzjoni kumulattiva l-oħra sabiex tkun tista' tintalab pensjoni tal-irtirar sħiħa, jiġifieri dik li jkunu twettqu 35 sena ta' kontribuzzjonijiet, għandha titqies bħala kriterju apparentement newtrali fis-sens tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2000/78, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludi differenza fit-trattament ibbażata direttament fuq il-kriterju tal-età fis-sens tad-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(2)(a) ta' din id-direttiva (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, EU:C:2007:604, punti 48 u 51).

29 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kwistjoni jekk din id-differenza fit-trattament tistax tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/78, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu 6 jiddikjara li differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età ma għandhiex tikkostitwixxi diskriminazzjoni, jekk, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali, hija oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata b'għan leġittimu, inkluża politika leġittima tal-impjieg, tas-suq tax-xogħol u ta' taħriġ professjonali, u jekk il-mezzi sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet ikunu xierqa u neċessarji.

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod repetut iddeċidiet li l-Istati Membri jiddisponu minn marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla mhux biss tat-tfittxija ta' għan partikolari fost għanijiet oħra fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, iżda wkoll fid-definizzjoni tal-miżuri li kapaċi jilħquh (sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, Leitner, C-396/17, EU:C:2019:375, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan il-każ, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-Liġi 4024/2011, li għaliha tirreferi kemm id-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll l-osservazzjonijiet tal-Gvern Grieg, jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi tal-kriżi ekonomika gravi li kellha quddiemha r-Repubblika Ellenika, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi implimentazzjoni tal-impenji meħuda minn dan l-Istat Membru fir-rigward tal-kredituri tiegħu u li jikkonsistu fit-tnaqqis immedjat tal-ispejjeż pubbliċi tal-pagi sabiex titwettaq ekonomija ta' EUR 300 miljun għas-sena 2012, peress li s-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema għandha tkun applikata għal 30 000 ħaddiema tas-settur pubbliku f'sens wiesa'.

32 Il-Gvern Elleniku u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu li dan l-għan ma huwiex ta' natura purament baġitarja, iżda jirrigwarda wkoll ir-razzjonalizzazzjoni u t-tnaqqis tas-settur pubbliku f'sens wiesa' kif ukoll ir-ristrutturazzjoni tas-servizzi ta' dan tal-aħħar. Il-Kummissjoni tenfasizza li l-miżuri meħuda f'dan il-kuntest ta' kriżi ekonomika gravi kienu intiżi sabiex jevitaw il-falliment tar-Repubblika Ellenika u, b'dan il-mod, sabiex jiggarantixxu l-istabbiltà taż-żona euro permezz taż-żamma tal-ekwilibriju ekonomiku u, għaldaqstant, soċjali.

33 Barra minn hekk, skont il-Gvern Elleniku, is-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema tikkontribwixxi, fi-rigward tar-rekwiżiti marbuta mat-tnaqqis tal-ispejjeż pubbliċi, għal għanijiet ta' politika tal-impjieg. Għalhekk, minn naħa, fid-dawl tal-fatt li l-ħaddiema kkonċernati setgħu jitkeċċew fi kwalunkwe mument, l-applikazzjoni ta' din is-sistema żgurat iż-żamma ta' livell għoli ta' impjieg.

Min-naħa l-oħra, l-issuġġettar għall-imsemmija sistema ta' ħaddiema li huma qrib l-irtirar ippermetta li tiġi stabbilita struttura ta' età bbilanċjata bejn uffiċjali żgħażagħ u uffiċjali ikbar fl-età fi ħdan is-settur pubbliku f'sens wiesa'.

34 F'dan ir-rigward, għalkemm kunsiderazzjonijiet ta' ordni baġitarja jistgħu jkunu l-bażi tal-għażliet ta' politika soċjali ta' Stat Membru u jinfluwenzaw in-natura jew il-portata tal-miżuri ta' protezzjoni tal-impjieg li jixtieq jadotta, huma ma jistgħux madankollu jikkostitwixxu huma stess għan segwit minn din il-politika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2020, Universitatea "Lucian Blaga" Sibiu *et*, C-644/19, EU:C:2020:810, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-fatt li l-kriżi ekonomika gravi li kellha r-Repubblika Ellenika kienet thedded li tikkawża konsegwenzi serji, jiġifieri, b'mod partikolari, il-falliment ta' dan l-Istat Membru u telf ta' stabbiltà taż-żona euro, ma jistax jaffettwa n-natura baġitarja tal-għan tal-miżuri meħuda, li jikkonsisti fit-twettiq ta' ekonomija ta' EUR 300 miljun għas-sena 2012, sabiex tiġi affaċċjata din is-sitwazzjoni ta' kriżi (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 35).

36 Minn dan isegwi li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 60 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan ta' tnaqqis tal-ispejjeż pubbliċi b'mod konformi mal-impenji meħuda mir-Repubblika Ellenika fil-konfront tal-kredituri tagħha, sa fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi, permezz tal-istabbiliment tas-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema, tnaqqis fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati kif ukoll tnaqqis, jew anki t-tneħħija, tal-allowance ta' tkeċċija li huma kienu jkunu intitolati għaliha, jista' jinfluwenza n-natura jew il-portata tal-miżuri ta' protezzjoni tax-xogħol, iżda ma jistax jikkostitwixxi minnu nnifsu għan leġittimu, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, li jiġġustifika differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età.

37 Fil-fatt, kuntest nazzjonali kkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi ma jistax jawtorizza lil Stat Membru jneħħi l-effettività tal-imsemmija dispożizzjoni billi jibbaża ruħu esklużivament fuq għan differenti minn dak fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg intiż minnha sabiex jiġġustifika tali differenza fit-trattament (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 106).

38 Madankollu, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, jidher li l-istabbiliment, permezz tal-Liġi 4024/2011, tas-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema, implimentata fil-kuntest tar-restrizzjonijiet baġitarji li r-Repubblika Ellenika kienet suġġetta għalihom, tissodisfa għanijiet leġittimi ta' politika tal-impjieg, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78.

39 Għalhekk, minn naħa, l-għażla li l-ħaddiema kkonċernati jitqiegħdu taħt tali sistema pjuttost milli t-tkeċċija tagħhom għandha l-għan li tippromwovi livell għoli ta' impjieg, li, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) TUE u l-Artikolu 9 TFUE, jikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet imfittxija mill-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2007, Palacios de la Villa, C-411/05, EU:C:2007:604, punt 64, u tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 36).

40 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li l-għan li tiġi stabbilita struttura ta' età bbilanċjata bejn uffiċjali żgħażagħ u uffiċjali ta' età ikbar sabiex, b'mod partikolari, jiġi ffavorit ir-reklutaġġ u l-promozzjoni ta' żgħażagħ jista' jikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika

tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2011, Fuchs u Köhler, C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 50, kif ukoll tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 38).

41 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li l-programm ta' tnaqqis tal-ispejjeż pubbliċi ma huwiex intiż li jiffavorixxi l-impjieg fis-settur pubbliku fis-sens wiesa', xorta jibqa' l-fatt li s-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema intiża għall-ħaddiema qrib l-irtirar, fil-kuntest ta' dan il-programm, setgħet b'mod partikolari tevita t-tkeċċija eventwali ta' ħaddiema iżgħar f'dan is-settur.

42 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, għalkemm is-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema tagħmel parti minn politika ta' natura baġitarja, hija ssegwi wkoll għanijiet li jaqgħu taħt il-politika tal-impjieg imsemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78, li bħala prinċipju jistgħu jiġġustifikaw oġġettivament u raġonevolment differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età.

43 Għad irid jiġi vverifikat, konformement mal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jekk il-mezzi implimentati sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet humiex "xierqa u neċessarji".

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li s-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema għandha titqies li tikkostitwixxi mezz xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-impjieg identifikati. Fil-fatt, minn naħa, l-għażla li ma jitkeċċiex iżda li jinżammu ħaddiema qrib l-irtirar fi ħdan il-persuna li timpjegahom fis-settur pubbliku fis-sens wiesa' tikkontribwixxi manifestament għall-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg. Min-naħa l-oħra, sa fejn l-introduzzjoni ta' din is-sistema ppermettiet b'mod partikolari li tiġi evitata t-tkeċċija mhux biss ta' ħaddiema li huma qrib l-irtirar, iżda wkoll ta' ħaddiema iżgħar fl-età, hija kkontribwixxiet sabiex tiżgura struttura ta' età globalment ibbilanċjata fi ħdan l-imsemmi settur.

45 Fir-rigward tan-natura neċessarja tal-miżura meħuda sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-impjieg imsemmija, għandu jitfakkar li huma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li għandhom isibu bilanċ ġust bejn id-diversi interessi involuti (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan b'mod partikolari jimplika li din il-miżura għandha tippermetti li jintlaħqu dawn l-għanijiet mingħajr ma tippreġudika eċċessivament l-interessi leġittimi tal-ħaddiema affettwati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, Ingeniørforeningen i Danmark (C-499/08, EU:C:2010:600, punt 32).

46 Barra minn hekk, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni skont l-età għandha tinqara fid-dawl tad-dritt għax-xogħol irrikonoxxut fl-Artikolu 15(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minn dan jirriżulta li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-parteċipazzjoni tal-ħaddiema anzjani fil-ħajja professjonali u, b'hekk, fil-ħajja ekonomika, kulturali u soċjali. Iż-żamma ta' dawn il-persuni fil-ħajja attiva tiffavorixxi b'mod partikolari d-diversità fl-impjieg. Madankollu, l-interess li dawn il-persuni jinżammu attivi għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-osservanza ta' interessi oħra eventwalment diverġenti (sentenza tat-2 ta' April 2020, Comune di Gesturi, C-670/18, EU:C:2020:272, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk il-leġiżlatur nazzjonali, fl-eżerċizzju tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandu fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, fittex li jilħaq l-għanijiet imsemmija, li minnhom jibbenefikaw b'mod partikolari l-ħaddiema iżgħar fl-età kif ukoll, permezz

taż-żamma ta' livell għoli ta' impjieg, l-organi tas-settur pubbliku li, f'kuntest ta' limitazzjonijiet baġitarji, jistgħu jkomplu jiżguraw il-missjoni u l-effikaċja tagħhom, mingħajr ma jippreġudikaw eċċessivament l-interessi tal-ħaddiema li kienu suġġetti għas-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema.

48 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, għalkemm it-tqegħid taħt din is-sistema jwassal għal tnaqqis sinjifikattiv ta' remunerazzjoni u t-telf ta' opportunità ta' avvanz għall-ħaddiema assenjati, dawn tal-aħħar huma suġġetti għaliha matul perijodu relattivament qasir, jiġifieri massimu ta' 24 xahar, li fi tmiemu huma jibbenefikaw minn pensjoni b'rata sħiħa, peress li din l-aħħar ċirkustanza tikkostitwixxi l-kundizzjoni fundamentali għall-eliġibbiltà għall-imsemmija sistema.

49 Barra minn hekk, fid-dawl tal-ġbir imminenti ta' din il-pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa, it-tnaqqis, jew anki t-tneħħija, tal-allowance ta' tkeċċija li l-imsemmija ħaddiema setgħu jkunu intitolati għaliha fil-mument tat-tmiem tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom ma jidhirx irraġonevoli fid-dawl tal-kuntest ekonomiku li ta lok għal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015, Ingeniørforeningen i Danmark, C-515/13, EU:C:2015:115, punt 27).

50 Fit-tieni lok, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-impjieg tal-ħaddiema kkonċernati taħt is-sistema tar-riżerva tal-ħaddiema huwa akkumpanjat minn miżuri ta' protezzjoni ta' dawn tal-aħħar li għandhom l-effett li jtaffu l-effetti sfavorevoli ta' din is-sistema. Dawn il-miżuri huma elenkati fil-parti (a) tat-tielet domanda tal-qorti tar-rinviju u jinkludu l-possibbiltà, taħt ċerti kundizzjonijiet, li ssib impjieg ieħor, fis-settur privat, jew li teżerċita attività indipendenti mingħajr ma titlef id-dritt li tirċievi r-remunerazzjoni relatata mal-imsemmija sistema, l-obbligu għall-organu pubbliku li jimpjega jew, fin-nuqqas ta' dan, għall-aġenzija nazzjonali għall-impjieg li jħallas lill-organu assiguratur kompetenti sal-irtirar il-kontribuzzjonijiet soċjali dovuti mill-persuna li timpjega u mill-ħaddiem fuq il-bażi tar-remunerazzjoni preċedenti ta' dan tal-aħħar, l-eżenzjoni mis-sistema tar-riżerva ta' ħaddiema għall-gruppi soċjali vulnerabbli li għandhom bżonn protezzjoni, il-possibbiltà ta' trasferiment tal-persunal inkwistjoni lejn pożizzjonijiet vakanti oħra fi ħdan l-organi tas-settur pubbliku kif ukoll it-teħid ta' miżuri li jikkonċernaw ir-rimbors ta' self fuq immobbli meħud mill-persunal inkwistjoni.

51 Minn dan jirriżulta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tidhirx li tippreġudika b'mod eċċessiv l-interessi leġittimi tal-ħaddiema affettwati. Għaldaqstant, f'kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi, din ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tal-impjieg imfittxija mil-leġiżlatur nazzjonali.

52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-ħaddiema tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu partikolari l-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa jitqiegħdu taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema sax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom, li jwassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tagħhom, telf tal-avvanz eventwali tagħhom kif ukoll tnaqqis, jew anki t-tneħħija, tal-allowance ta' tkeċċija li huma kienu jkunu intitolati għaliha fil-mument tal-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom, sakemm din il-leġiżlazzjoni tfittex għan leġittimu ta' politika dwar l-impjiegi u li l-mezzi sabiex dan l-għan jinkiseb ikunu xierqa u neċessarji.

**Fuq l-ispejjeż**

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2 u l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-ħaddiema tas-settur pubbliku li jissodisfaw matul perijodu partikolari l-kundizzjonijiet sabiex jirċievu pensjoni tal-irtirar b'rata sħiħa jitqiegħdu taħt sistema tar-riżerva ta' ħaddiema sax-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom, li jwassal għal tnaqqis fir-remunerazzjoni tagħhom, telf tal-avvanz eventwali tagħhom kif ukoll tnaqqis, jew anki t-tneħħija, tal-allowance ta' tkeċċija li huma kienu jkunu intitolati għaliha fil-mument tal-waqfien tar-relazzjoni ta' xogħol tagħhom, sakemm din il-leġiżlazzjoni tfittex għan leġittimu ta' politika dwar l-impjiegi u li l-mezzi sabiex dan l-għan jinkiseb ikunu xierqa u neċessarji.**

Firem